# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 13 ta' Gunju, 2002**

**Numru**

**Citazz. numru: 703/95 TM**

**Saviour Farrugia**

**vs**

**Paul Tabone**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Mejju, 1995 li bih l-atturi ppremettew illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni TeleMalta, l-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta' Lm919.80 (disa' mija u dstatax il-lira u tmenin centezmi) bhala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 312558, u dan kif jidher mill-prospett esebit ma' din ic-citazzjoni, u

Ippremettew illi interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbu ghalhekk li ghidu il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' LM919.80 dovuta minnu bhala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 312558, kollox kif intqal fuq gha-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Novembru, 1994 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' L-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. ili dan in-numru tat-telefon 312558 ma huwiex responsabbilta' ta' l-eccipjenti izda tal-Balluta Hotel li hija f'idejn terzi persuni li huma responsabbli ghall-hlas tieghu.

2. B'rizerva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar, 2000, li in forza tieghu laqghet it-talba tal-konvenut ghall-kjamat in kawza ta' Paul Muscat , id-Digriet sussegwenti tal-11 ta' Mejju, 2000, li in forza tieghu l-persuna kjamata fil-kawza giet sostitwita b'Joseph Muscat, u d-digriet tat-18 ta' April, 2002, li in forza tieghu giet

revokata ‘contrario imperio’ il-kjamata in kawza ta’ l-imsemmi Joseph Muscat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mressqa u hadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob hlas ghas-servizz ta’ telephone numru 312558 li jinsab registrat fuq il-konvenut.

Il-konvenut eccepixxa li dan in-numru mhux registrat fuq ismu izda fuq lukanda u ghalih twiegeb persuna ohra.

Illi, pero’, fost id-dokumenti li gew esebiti mill-attur ma’ l-att tac-citazzjoni hemm ittra iffirmata mill-konvenut stess (fil-fatt, il-konvenut, f’ebda stadju ma cahad li dik l-ittra iffirmaha hu), li fiha iddikjara li mill-5 ta’ Marzu, 1990, il-kont tan-numru tat-telephone 312558 gie trasferit ghal fuqu u talab li jibda jsir kont gdid fuq ismu. Mill-*istatement*, a fol 5 tal-process, li ressaq l-attur, jidher li t-talba attrici tirreferi ghaz-zmien li beda jiddekorri wara d-data indikata mill-konvenut fl-imsemmija ittra tieghu. Eventwalment, fis-6 ta’ Lulju, 1992, is-socjeta’ attrici, rceviet ittra ohra minghand Paul Muscat fejn informa lill-Korporazzjoni TeleMalta li kien se jibda juza dak in-numru ta’ telephone huwa. Ghalhekk r-

rappresentant tas-socjeta' attrici xehed (a fol 21 tal-process) li l-hlas li s-socjeta' qed titlob jikkomprendi z-zmien mill-5 ta' Marzu, 1990 sas-6 ta' Lulju, 1992.

L-*istatement* li hu esebit a fol 5 tal-process, pero', jmur oltre s-6 ta' Lulju, 1992, u jekk wiehed iqis li r-renta kienet ta' LM12 kull tlett xhur, l-ahhar renta ta' LM12 mhux dovuta kollha mill-konvenut, izda hi dovuta minnu biss is-somma ta' LM4 rapprezentanti xahar renta. Hekk ukoll, mhux dovuti mill-konvenut il-hlas kollu tal-pulses ghat-tlett xhur li ghalqu f'Settembru, 1992. Peress li ma rrizultax kemm minn dawn il-*calls* saru sas-6 ta' Lulju, 1992, il-Qorti, *arbitrio boni viri*, taddebita lill-konvenut bis-somma ta' Lm5 flok dik ta' Lm45.20 li jidher fl-*istatement* bhala hlas dovut ghat-tlett xhur li ghalqu f'Settembru, 1992.

Ghall-istess raguni, il-konvenut la ghandu jiehu l-kreditu ta' Lm4.73, registrat f'Settembru tal-1992, u lanqas m'ghandu jigi addebitat bl-*extra work* li sar f'Dicembru tal-1992 (LM10).

Ghalhekk, is-somma dovuta mill-konvenut tammonta ghal LM1080.75, naqqas LM226.52 bhala hlas akkont, u jibqa' bilanc ta' LM854.23.

Il-konvenut ma rrnexxielux jipprova ghaliex din is-somma mhux dovuta minnu fid-dawl ta' l-ittra tieghu stess tal-5 ta' Marzu, 1990. Jista' jkun li meta in-numru, eventwalment hadu f'idejh certu Muscat, il-konvenut ftiehem mieghu li jhallas ukoll l-arretrati.

Ma jirrizultax, pero', li jekk sar ftehim bhal dan, is-socjeta' attrici kreditrici kienet infurmata b'dan u, aktar u aktar, accettat in-novazzjoni. Kull ma jirrizulta hija ittra li tindika li s-Sur Paul Muscat assuma fuqu n-numru tat-telephone  in kwistjoni mis-6 ta' Lulju, 1992; mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, jidher li l-istess socjeta' acccettat din l-ittra. Ghall-bqija il-hlas kollu dovut ghas-servizz fuq numru tat-telephone 312558, ghaz-zmien mill-5 ta' Marzu, 1990, sas-6 ta' Lulju, 1992, huma dovuti mill-konvenut Paul Tabone, inattez kull arrangament intern li l-istess konvenut seta' ghamel ma' terzi persuni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, previa li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' LM854.23, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma Lm854.23 bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenut, u cioe', mis-7 ta' Dicembru, 1995.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/Reg**

ja